



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0355(NLE)

14137/20
ADD 1

ENV 815
ENT 153
ONU 86

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 801 final
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill Sottomissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għal deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv dwar il-metodoloġija għall-aġġustamenti biex jiġu riflessi l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tal-41 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv skont il-Konvenzjoni fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Kbira, u dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea f'din is-sessjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 801 final.

Mehmuż: COM(2020) 801 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2020
COM(2020) 801 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

Sottomissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għal deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv dwar il-metodoloġija għall-aġġustamenti biex jiġu riflessi l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tal-41 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv skont il-Konvenzjoni fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Kbira, u dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea f'din is-sessjoni

Proposta tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv skont il-Konvenzjoni fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila: il-metodoloġija għall-aġġustamenti fit-Tabelli 2 sa 6 tal-Anness II tal-Protokoll għat-Tnaqqis tal-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku, (il-“Protokoll ta’ Gothenburg”) kif emendat fl-2012, biex jitqiesu l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea.

Abbozz ta’ deċiżjoni dwar aġġustamenti għall-Anness II tal-Protokoll ta’ Gothenburg, kif emendat fl-2012, biex jitqiesu l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea

Il-Korp Eżekuttiv,

Filwaqt li jfakkar fid-deċiżjonijiet tiegħu 2013/14 u 2016/4 dwar il-konformità mill-Unjoni Ewropea mal-Protokoll għat-Tnaqqis tal-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku (il-“Protokoll ta’ Gothenburg”)

Filwaqt li jinnota li l-Artikolu 13, il-paragrafu 2, tal-Protokoll ta’ Gothenburg kif emendat jipprevedi proċedura biex Parti ttipponi aġġustament tal-impenji tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet elenkati fl-Anness II tal-Protokoll ta’ Gothenburg, iżda li l-metodoloġiji stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Korp Eżekuttiv 2012/3 u 2012/12 dwar l-aġġustamenti ma japplikawx għal aġġustament ta’ dawn l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet biex jiġu riflessi l-bidliet fis-sħubija fl-Unjoni Ewropea,

Filwaqt li jfakkar id-deċiżjoni 2017/3 tiegħu dwar l-aġġustamenti skont il-Protokoll għat-Tnaqqis tal-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku sabiex jitqiesu l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea, adottat wara proposta mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha bi tweġiba għat-talba mill-Partijiet għall-Konvenzjoni fis-36 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv (ECE/EB.AIR/137),

Filwaqt li jilqa’ d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għat-Tnaqqis tal-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku (il-Protokoll ta’ Gothenburg), kif emendat fl-2012, fis-7 ta’ Ottubru 2019,

1. *Jiddeċiedi*, skont l-Artikolu 13(2) tal-Protokoll ta’ Gothenburg kif emendat, li tiġi stabbilita metodoloġija għall-aġġustament tal-linji bażi tal-emissjonijiet u l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet elenkati għall-Unjoni Ewropea fit-Tabelli 2 sa 6 fl-Anness II tal-Protokoll ta’ Gothenburg kif emendat, fil-każ ta’ bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea, kif ġej:
 - Il-linja bażi tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea għal kull inkwinant, espressa fil-livelli ta’ emissjonijiet għall-2005 f’kilotunnellati fit-Tabelli 2 sa 6 tal-Anness II tal-Protokoll ta’ Gothenburg kif emendat, għandha tkun is-somma tal-linji bażi tal-emissjonijiet għal kull inkwinant għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li titqies kwalunkwe adeżjoni jew ħruġ mill-Unjoni Ewropea.
 - L-impenji tal-Unjoni Ewropea għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal kull inkwinant fit-Tabelli 2 sa 6 tal-Anness II tal-Protokoll ta’ Gothenburg kif emendat għandhom ikunu t-total tal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ikkalkulat permezz (a) tal-applikazzjoni għal-livelli ta’ emissjonijiet għall-2005 ta’ kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fit-

Tabelli 2 sa 6 tal-Anness II tal-Protokoll emendat ta' Gothenburg, l-impenji għat-tnaqqis għall-2020 ta' kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fl-istess tabelli; u (b) l-espressjoni tas-somma tar-riżultati taħt (a) bħala perċentwal tas-somma tal-livelli ta' emissjonijiet għall-2005 tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

- Għal din il-metodoloġija, il-livelli ta' emissjonijiet għall-2005 għandhom ikunu daww elenkati fit-Tabelli 2 sa 6 tal-Anness II tal-Protokoll ta' Gothenburg kif emendat, sakemm għal firmatarju jew Parti partikolari, l-ebda livell ta' emissjoni għall-2005 ma jkun stipulat fl-Anness II, f'liema każ għandhom jintużaw l-aktar emissjonijiet riċenti rrapportati għall-2005. L-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 u lil hinn għandhom ikunu daww elenkati fit-Tabelli 2 sa 6 tal-Anness II tal-Protokoll ta' Gothenburg kif emendat, sakemm għal firmatarju jew Parti partikolari ma jkunx hemm impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 u lil hinn li huma stabbiliti fl-Anness II, f'liema każ l-Unjoni Ewropea għandha tissottometti din l-informazzjoni bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti.
2. *Jiddeċiedi* li l-Unjoni Ewropea tista' tissottometti aġġustamenti bil-miktub bl-użu tal-metodoloġija ta' hawn fuq lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, li għandu jikkomunika l-aġġustamenti lill-Partijiet kollha għall-informazzjoni.